# SME HELPDESK

**PUBBLIKAZZONI 14**
**27 TA' FRAR 2015**




Ħbieb,

Għal dawk li 'ssa saru parti mill-familja tal-MEA, u għalhekk ilkom terċievu dan il-fuljett elettroniku għal dawn l-aħħar xhur, għal darb'oħra ngħidilkom GRAZZI. Grazzi li qed ittuni l-opportunita' li nidħol għandkom, u li ta' kull darba jogħġobkom taqraw dawn il-ftit versi ta' nformazzjoni.

Għal dawk li ma ilhomx jerċievu dan il-fuljett, jew saħansitra qed jirċevuħ għall-ewwel darba, nagħtikom MERĦBA.

L-*"SME Helpdesk"* huwa fuljett elettroniku, maħruġ mill-uffiċċju fi ħdan l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, uffiċċju responsabbli għas-settur ta' negozji żgħar f'pajjiżna. Jiena, bħala uffiċċjal eżekuttiv, qed nagħmel ħilti kollha sabiex dan il-kuntatt magħkom, sidien ta' intrapriżi żgħar, kont, għadni u ser nibqa inżommu b'mod regolari. Sa mill-bidu tiegħu, kull xahar irnexxieli nikkomunika magħkom, u fil-fatt din hija pubblikazzjoni numru 14.




**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR

Sidien ta' ntrapriżi żgħar ta' spiss jilmentaw u jistqarru miegħi, li l-akbar għadu tagħhom fi tmexxija ta' negozju, hi bla dubju ta' xejn il-burokrazija żejda. Għalhekk bħala Assoċjazzjoni, ftit tax-xhur ilu konna minn ta' quddiem nett li ppreżentajna mal-50 proposta lil Gvern, ta' kif jista jkun aktar effiċjenti, u jista jnaqqas parti minn din il-burokrazija żejda. Kopja ta' dan id-dokument tistgħu taqrawh hawn.

Illum, f'din il-pubblikazzjoni, ħassejt il-ħtieġa li nikkontribwixxi ftit favur dan it-tnaqqis ta' burokrazija żejda, u għażilt li ntikom xi kuntatti utli, biex b'hekk niffaċilitalkom l-aċċess għal informazzjoni li minn żmien għal żmien tistgħu tiġu bżonn.

Qed nagħaddilkom lista ta' Awtoritajiet u Entitajiet responsabbli minn ħruġ ta' liċenzji ta' negozju, kif ukoll numri tat- telefon oħra li jistgħu ikunu ta' għajnuna għalikom. Din il-lista tinsab hawn. Hemm issibu lista sħiħa ta' numri ta' telefons li naħseb li jkun utli li żżommuha f'moħħkom. Kif forsi uħud minnkom ġa tafu, il-liċenzji tan-negozji ma jinħarġux kollha minn entita waħda, iżda hemm madwar 14 –il entita' li hi awtorizzata tagħmel dan, skond is-settur u l-ġeneru tan-negozju. Għalhekk hawn qed nippreżentalkom il-lista kompreħensiva, skond l-aħħar aġġustamenti li saru. Jista jagħti il-każ li sa ma qed nibgħatilkom din l-informazzjoni, ikunu saru xi tibdiliet żgħar oħra, u għalhekk fejn issibu xi diffikulta, nistedinkom tikkuntattjawni minnufiħ.




Sit elettroniku ieħor li jista jkun ta' għajnuna għalikom huwa dak, li għandu id-Dipartiment tal Kummerċ – www.commerce.gov.mt. F'dan is-sit issibu mhux biss informazzjoni ta' kif jaħdem id-Dipartiment, u s-servizzi li joffri, iżda jekk tidħlu fuq is-sezzjoni *"trade services directorate"* saħansitra issibu il- *web trade license directory* - reġistru ta' dawk in-negozji kollha li huma irreġistrati u lliċenzjati mill-istess Dipartiment tal-Kummerċ. Iva, b'faċilita' liema bħala, tista tiġbor informazzjoni dwar kemm hawn negozji f'setturi differenti, fejn jinsabu, u taħt liema kategoriji huma lliċenzjati.

Nieħu din l-okkazzjoni sabiex nerġa infakkarkom fil-***Micro Invest***. Skema li tagħti opportunita' lis-sidien ta' negozji żgħar sabiex biha jkunu jistgħu jirkupraw lura persentaġġ mill-ispejjez kapitali li huma nefqu tul is-sena li għaddiet. Skema imħaddma mill-*Malta Enterprise*, u li tagħlaq fl-aħħar ta' dan ix-xahar. Kull min jixtieq ikun jaf aktar dettalji dwar din l-iskema jista' jċempel *freephone* fuq in-numru 144.

Għal lum naħseb li għaddejtilkom biżżejjed informazzjoni, u nisperaw li issibuwha utli. Ma nistax inħallikom mingħajr ma nerġa inħeġġiġkom sabiex tingħaqdu magħna, u ssiru parti mill-familja kbira ta' membri fi ħdan l-MEA. Kull min jixtieq ikun jaf kif jista jsir membru, kull m'għandu jagħmel hu li jiktibli, jew iċempilli, u niggwidah jien.

Sa kemm nerġa nikkomunika magħkom

Tislijiet

Anton.

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES




ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com